# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 2 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Peter Agius**
***Omissis***
***Omissis***
**Kevin Brincat**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Peter Agius ta' 35 sena, iben Angelo u Rita nee' Galea, imwieled Pieta' fid-9 ta' Marzu 1970 u li joqghod 86, Triq il-Grecja, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 131770(M)

*Omissis,* u

*Omissis, u*

Kevin Brincat ta' 29 sena, iben Edgar u Rita nee' Dalli, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' Frar 1976 u li joqghod fi Ritianne Court, Flat 5, Triq il-Molletta, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 379676(M), u

*Omissis, u*
*Omissis, u*
*Omissis, u*

**Peter Agius,** ***Omissis, Omissis*** **u Kevin Brincat wahedhom** akkuzati talli:

a) f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Lulju, 2003, operaw, promovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.
b) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi gewwa l-fond bl-isem "Welcome Bar", fil-Marsa, liema fond ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.
c) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi ppermettew l-uzu tal-imsemmi post ghal, jew inkoraggew dak il-loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.
d) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qed issir xi loghba bhal dik;
e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ippermettew l-uzu ta' xi post bil-ghan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'licenzja mahruga taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor jew bi ksur ta' xi direttiva mahruga mill-Awtorita' skond ma hemm f'dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew

bil-ghan ta' hazin ta' apparat rilevanti ghal loghob importat, manifatturat jew provvist bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga skond dak l-artikolu 7 jew bil-ghan li jsiru l-manifattura u l-manutenzjoni ta' apparat rilevanti ghal loghob bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja skond ma hemm f'dak l-artikolu 7.

***Omissis, Omissis u Omissis* wahedhom**, gew wkoll akkuzati:

f) Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Lulju, 2003, ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.

g) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa l-fond li ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.

h) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qieghdin jiehdu sehem f'xi loghba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik.

i) U finalment **Peter Agius, *Omissis, Omissis,* Kevin Brincat wahedhom** gew akkuzati, talli rrendu ruhhom recedivi ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor (Kapitolu 438), fil-konfront ta' kull imputat (minn fol 11 sa fol 17 tal-process), sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputati talli kisru d-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2014,[1] l-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tordna s-separazzjoni tal-gudizzju tal-imputati *Omissis u Omissis*, kif ukoll tal-imputati tal-imputati *Omissis, Omissis u Omissis*, u l-Qorti laqghet it-talba.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-imputat Peter Agius u tal-Prosekuzzjoni.
u semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat difensur tal-imputati.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018,[2] gie verbalizzat hekk: *"Il-Qorti tirrileva li l-imputat Kevin Brincat inghata diversi opportunitajiet sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet finali tieghu, l-ahhar wahda fis-seduta precedenti, u dan ma ghamlux u ghaldaqstant tiddikjara l-istadju tas-sottomissjonijiet finali tal-imputat Kevin Brincat maghluqa."*

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fid-9 ta' Lulju 2003, il-Pulizija organizzat *raid* fil-hwienet li jinsabu fil-vicinanzi tal-korsa taz-zwiemel fil-Marsa, fosthom il-fond bl-isem *"Welcome Bar".*
2. Il-Pulizija ikkonstatat li dan il-fond kien maqsum f'zewg partijiet. L-ewwel parti ta' kif tidhol f'dan il-hanut kien hemm l-area tal-bar fejn kien hemm diversi nies u diversi mwejjed jiehdu t-te u xorb iehor. Parti ohra fil-genb ta' dan il-bar kien hemm partition tal-hgieg li taghti ghal parti ohra fl-istess fond li kienet miftuha u accessibbli mhux biss ghall-klijenti tal-bar, izda wkoll ghall-pubbliku in generali, u f'din il-parti kien jidher li qed tigi gestita attivita ta' mhatri relatati ma diversi tigrijiet taz-zwiemel, li kienu qed jintwerew minn fuq diversi *monitors/televisions.* Kien hemm imwahhlin fixtures u nstabu affarijiet relatati ma' loghob, inkluz flus kontanti fuq il-counter.
3. Kull min kien hemm gew gie mfittex, u fuq xi persuni instabu xi flus, inkluz fuq l-imputat Kevin Brincat, li fuqu instabet is-somma ta' LM1,863.15.

[1] Ara fol. 207 tal-process.
[2] Ara fol. 252 tal-process.

4. Gew arrestati xi persuni, fosthom l-imputat Kevin Brincat. L-imputat ma kienx fuq il-post, pero mill-investigazzjonijiet taghha, il-Pulizija irrizultalha li kien sid il-fond in kwistjoni.
5. Il-Pulizija hadet dawn il-proceduri kriminali kontrihom, flimkien ma' hames imputati ohra.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel tikkunsidra l-kaz fil-meritu, il-Qorti se tikkunsidra xi kwistjonijiet preliminari, uhud minnhom sollevati mid-difiza u ohrajn li qed tissolleva l-Qorti *ex officio.*

*L-Ewwel Kwistjoni Preliminari – Il-Kunsens tal-Avukat Generali li jittiehdu dawn il-Proceduri*

Fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu, l-Ufficjal Prosekutur indika li l-imputazzjonijiet kontra l-imputati odjerni ittiehdu kemm taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Lotteriji u Loghob iehor (Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll taht l-Att dwar il-Loghob (Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif diga inghad aktar il-fuq, l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputati taht il-Kapitolu 438 biss.

L-Artikolu 48 tal-Kapitolu 400 jippreskrivi hekk: *"Ebda proċediment għal reat kontra dan l-Att ma għandu jinbeda ħlief bil-permess tal-Avukat Ġenerali."* Konsegwentement, ladarba l-Prosekuzzjoni ma ezebietx il-permess tal-Avukat Generali sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputati ghal ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Prosekuzzjoni qatt ma setghet tohrog l-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), stante li dawn huma kollha ibbazati fuq allegat ksur tal-Artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400.

Konsegwentement, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), u se tikkunsidra biss l-imputazzjonijiet (a) u (e), u f'kaz ta' sejbien ta' htija l-imputazzjoni (i)

*<u>It-Tieni Kwistjoni Preliminari – L-ammissibilita tal-istqarrija tal-Imputati</u>*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat xejn fir-rigward, din il-Qorti thossha obbligata li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputati. Pero, fl-opinjoni tal-Qorti ghandha ssir distinzjoni bejn iz-zewg imputati f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tqis li ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat Kevin Brincat, u dak kollu li qal lill-Ispettur Investigatur u/jew ufficjali ohra tal-Pulizija waqt ir-raid u/jew qabel l-interrogatorju, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Min-naha l-ohra Peter Agius irrefera ghaz-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u strah fuq dak li qal f'dawn iz-zewg stqarrijiet biex javalla d-difiza tieghu.[3] Konsegwentement, l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Borg vs Malta** mhux applikabbli fil-konfront ta' Peter Agius.

*<u>It-Tielet Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-ko-imputati l-ohra</u>*

Il-Qorti thoss ruhha wkoll obbligata li tissolleva l-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrijiet tal-hames ko-imputati l-ohra, ezebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri. Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[4] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-*

[3] Ara fol. 221 tal-process.
[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[5]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija tal-ko-imputati l-ohra f'dawn il-proceduri – ghalkemm sussegwentement giet ordnata minn din il-Qorti s-separazzjoni tal-gudizzju. Naturalment, din il-Qorti ma tistax lanqas tiehu konjizzjoni ta' dak li qal fl-istqarrijiet tieghu l-imputat Peter Agius fil-konfront tal-imputat Kevin Brincat.

*Il-Meritu*

La darba dak kollu li qal l-imputat Kevin Brincat, kif ukoll il-ko-imputati taghhom, kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogatorju, qed jigi skartat ukoll, kull ma jifdal bhala provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, apparti x-xhieda tal-ufficjali Pulizija involuti, huwa r-ritratti li hadu l-Pulizija waqt it-tfixxija u l-affarijiet elevati minnhom mill-fond *"Welcome Bar"* li jindikaw li kienet qed tigi gestita attivita ta' mhatri principalment relatati ma diversi tigrijiet taz-zwiemel, li kienu qed jintwerew minn fuq diversi *monitors/televisions*, u x-xhieda ta' Raymond Scicluna, *Control Officer* tal-Awtorita Maltija dwar il-Loghob,[6] li ikkonferma li fi zmien tar-reat, la *"Welcome Bar"* u lanqas xi wiehed mill-imputati odjerni ma kellhom licenzja biex joperaw xi *criteria* tal-Awtorita Maltija dwar il-Loghob.

Huwa vera li l-imputat Kevin Brincat instab mill-Pulizija fil-fond in kwistjoni, u fuqu instabet somma konsiderevoli ta' flus, pero ma giet prodotta l-ebda prova ammissibbli li torbot lil dan l-imputat mal-attivitajiet illegali li jidher li kienu qed jigu gestiti f'dan il-fond, u kwindi mal-imputazzjonijiet addebitati lilu.

---

[5] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**
[6] Ara fol. 56 u 103 tal-process.

Fl-istqarrijiet tieghu l-imputat Peter Agius ammetta li kien sid il-bar in kwistjoni pero jghid li kien mikri lil terzi, cioe lil wiehed mill-ko-imputati mieghu, u hu ma kellux cavetta tal-post. L-imputat Agius jghid li ma kienx jaf li qed issir xi attivita illegali fil-fond tieghu, ghalkemm jammetti li gieli dahal fil-bar wara li krieh, u li kien jaf li jsir loghob tal-imhatri go fih. Pero izid jghid hekk *"Imma jiena ma kontx naf li dan illegali ghax dan il-loghob narah isir f'diversi hwienet fil-Marsa."*[7] Fl-istess stqarrija, l-imputat Agius jghid ukoll li l-licenzja tal-bar kien ihallasha l-inkwilin. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ammissibbli biex ixxejjen dak li qal l-imputat Agius fl-istqarrijiet rilaxxati minnu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-Ufficjal Prosekutur jissottometti li bhala sid il-fond, l-imputat Agius kellu r-responsabbilita li jara li l-fond ma jintuzax ghal skopijiet illegali. Pero la l-artikoli 3 u lanqas l-Artikolu 70(1) tal-Kapitolu 438 ma jpoggu dan l-oneru fuq sid ta' fond li jkun mikri. L-Artikolu 70(1) specifikatament jippreskrivi li jikkommetti reat *"Kull min xjentement jippermetti l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att … …"* (sottolinear tal-Qorti). Kif diga inghad, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova biex ixxejjen l-istqarrijiet tal-imputat Agius li hu ma kienx jaf li l-loghob tal-imhatri li kien qed isir fil-fond mikri minnu, kien wiehed illegali.

Il-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda prova ohra ammissibbli li torbot lill-imputat Brincat mal-attivitajiet illegali li jidher li kienu qed jigu gestiti f'dan il-fond, u kwindi mal-imputazzjonijiet addebitati lilu

Fid-dawl tas-suespost certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

---

[7] Ara fol. 88 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d),
2. issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet (a) u (e) dedotti kontrihom, u qed tilliberahom minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**